**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-20 ta' Gunju, 2019
Rikors Numru: 95/2019 VGA

*Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru. 612/2019*

**Emilio Bilocca**
(K.I. Nru. 85583M)

***vs***

**Lidl Malta Limited**
(Reg. Nru. C-36317)

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors ipprezentat fit-22 ta' Mejju, 2019, li permezz tieghu l-kumpanija rikorrenti Lidl Malta Limited talbet is-segwenti:

   *"Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara nulla l-ittra uffiċjali numru 26/2019 preżentata fit-8 ta` Marzu 2019 fuq imsemmija kif ukoll tirrevoka l-Mandat ta` Sekwestru numru 612/2019 għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

   *Bl-ispejjeż kontra l-intimat Bilocca li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti."*

2. Rat ir-risposta pprezentata fl-4 ta' Gunju, 2019, li permezz taghha l-intimat Emilio Bilocca laqa' ghat-talba tal-kumpanija rikorrenti kif gej:

   1. *"Illi it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;*

   2. *Illi l-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta numru 26/2019 ipprezentata mill-esponenti taghti bizzejjed taghrif sabiex is-socjeta` debitrici tkun taf dwar xiex kien jitratta d-dejn u fl-istess hin poggietha f'pozizzjoni li tista` tiddeciedi jekk kellhiex tammetti t-talba jew topponiha kollha jew f'parti minnha biss.*

   3. *Illi fl-istatement ipprezentata flimkien mal-ittra kien hemm miktub bic-car il-kliem "Emilio Bilocca Handyman Services" flimkien mal-invoice numbers li jikkorrispondu mal-ammonti reklamati f'tali statement u ghalhekk huwa car illi s-servizzi li ghalihom tirreferi l-ittra huma dawk ta' handyman ghall-ammonti hekk reklamati skond in-numru tal-invoice li kollha huma diga fil-pussess tar-rikorrenti;*

   4. *Illi inoltre qeghdin jigu annessi flimkien ma' din ir-risposta komunikazzjonijiet li saru bejn l-avukati tal-esponenti u l-avukat tar-rikorrenti dwar id-debitu, flimkien ma' ftit mid-dokumenti li ghaddew u komunikazzjonijiet li saru bejn l-esponenti u Lidl Malta Limited li flimkien juru bic-car illi is-socjeta rikorrenti kienet ghal zmien twil ben sapevoli tad-debitu li dwarha titkellem is-surreferita ittra numru 26/2019 li jirraprezenta biss bilanc ta' ammont akbar li kien dovut mir-rikorrenti (vide Dok GS1 sa GS4);*

   5. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, qed issir referenza ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-kawza bl-ismijiet Equipment Hire Limited (C18588) vs Wayne Zammit u John Azzopardi tat- 8 ta' Frar 2016 pagna 12 fejn il-Qorti lissnet illi "bir-rispett kollu din hija procedura specjali w trid tigi segwita in toto, w ma tistax tigi wzata ghar-ragunijiet li jidhru xierqa biss lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti kellu [ghoxrin* SIC!*] gurnata minn meta rcieva l-ittra ufficjali msemmija…f'liema kaz din l-ittra ma kinitx issir hekk ezekuttiva";*

   6. *Illi l-ittra surreferita giet debitament notifikata lir-rikorrenti u fiha kien hemm stipulat bic-car it-terminu ta' tletin (30) gurnata permessa lilha bil-ligi sabiex hija tkun tista' tirrispondi ghaliha u li kieku riedet topponi l-kontenut tal-istess ittra hija setghet taghmel dan fit-terminu stipulat."*

3. Rat l-atti processwali kollha u kkunsidrat l-provi li gew imressqa quddiemha inkluz provi dokumentarji.

**Konsiderazzjoni**

4. Dawn huma l-fatti rilevanti:-

   i. Fit-8 ta' Marzu 2019, l-intimat ipprezenta ittra ufficjali kontra l-kumpanija rikorrenti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema ittra ggorr in-numru ufficjali 26/2019.

   ii. F'din l-ittra l-intimat talab hekk:

   *"jinterpellak sabiex tħallas lill-mittenti s-somma ta` dsatax-il elf ħames mija u sitta u sebgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€19,576.46) rappreżentanti servizzi reżi lilek mill-mittenti fuq struzzjonijiet tiegħek stess, skond l-istatement hawn anness, u liema somma hija ċerta, likwida u dovuta u għalhekk kellha tiġi addottata din il-proċedura, u din it-talba għandha tintlaqa`. Jekk ma tweġibx fi żmien tletin jum minn mindu tiġi notifikata din l-ittra uffiċjali billi tippreżenta nota fl-atti tagħha li fiha tiġi respinta t-talba u tista` tiġi ffirmata u ppreżentata fil-Qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta` firma ta` avukat jew prokuratur legali, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv, u jekk tonqos li tħallas immedjatament sejrin anke jittieħdu proċeduri ulterjuri kontrik.*

   *Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.*

   *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.*

   *Dikjarazzjoni ġuramentata ta` Emilio Bilocca KI numru 85583M*

   *Jesponi bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma*

   1. *Illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tal-mittenti fis-somma ta` dsatax-il elf ħames mija u sitta u disgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€19,576.46) rappreżentanti s-servizzi reżi lilha fuq ordni tagħha stess liema ħlas l-intimata għadha ma effetwatx minkejja li ġiet interpellata.*

   2. *Illi din id-dikjarazzjoni qed issir à tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta` Malta u l-ammont reklamat huwa dejn ċert, likwidu u li jagħlaq u dovut mill-intimata lill-mittenti u fil-fehma tal-esponenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-*

*Liġijiet ta` Malta sabiex tkun tista` tiġi addottata l-proċedura kkontemplata fl-istess fil-konfront tal-intimata."*

iii. Flimkien mal-ittra ufficjali l-intimat ipprezenta prospett li jelenka fost ohrajn lista ta' dawk il-fatturi li ma' gewx imhallsa u l-bilanc totali dovut. Il-prospett hareg taht l-isem ta' "*Emilio Bilocca Handyman Services*" u huwa indirizzat lil "*Lidl Malta Limited – Triq il-Karmnu, Luqa*". F'din il-lista l-fatturi huma enumerati, datati u deskritti bhala li gew mahruga ghal *"Goods/Services"*.

iv. Il-kumpanija rikorrenti debitament notifikata naqset milli tipprezenta nota oppozitorja fiz-zmien statutorju ta' tletin gurnata u ghaldaqstant l-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva skond il-ligi. Sussegwentement fid-9 ta' Mejju 2019 l-intimat talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-kumpanija rikorrenti abbazi tat-titolu ezekuttiv appena miksub u din it-talba giet akkordata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Mejju 2019 (mandat ta' sekwestru numru 612/2019).

v. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-ittra ufficjali mahruga kontriha u kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv surreferit permezz tar-rikors odjern li hi pprezentat ai termini tal-Art.166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex skond hi "*l-ittra ma f'hijiex il-kawża tat-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa u dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba u apparti dan ma f'hijiex tagħrif biżżejjed sabiex l-esponenti tkun taf dwar x'hiex jittratta d-dejn pretiż u għalhekk kienx f'pożizzjoni li jista` jiddeċiedi jekk għandux jammetti t-talba jew jopponiha in toto jew in parte*". Tghid ukoll illi "*fl-ittra uffiċjali ... Bilocca jiddeskrivi l-ammont minnu pretiż b'mod ġenerali bħala "servizzi reżi lilek mill-istess mittenti fuq struzzjonijiet tiegħek stess". Mal-ittra annetta statement iżda l-statement ma jagħti ebda informazzjoni ulterjuri ħlief li jiddeskrivi l-intenzjoni bħala goods/services."* Finalment tghid illi *"fl-informazzjoni mogħtija fl-ittra uffiċjali u fl-statement fuq imsemmi, ma setgħetx tindirizza jew tindividwalizza x'inhuma s-servizzi u ħwejjeġ li qed jitlob il-ħlas tagħhom Bilocca"* u ghalhekk "*huwa evidenti illi huwa nieqes rekwiżit essenzjali għall-validità tal-imsemmija ittra.*"

vi. L-intimat jargumenta illi l-ittra kien fiha bizzejjed taghrif billi fil-prospett anness *"kien hemm miktub bic-car il-kliem "Emilio Bilocca Handyman Services" flimkien mal-invoice numbers li jikkorrispondu mal-ammonti reklamati f'tali statement u ghalhekk huwa car illi s-servizzi li ghalihom tirreferi l-ittra huma dawk ta' handyman ghall-ammonti hekk reklamati skond in-numru tal-invoice li kollha huma diga fil-pussess tar-rikorrenti*". Inoltre skond l-intimat il-korrespondenza annessa mar-risposta tieghu turi li *"s-socjeta rikorrenti kienet ghal zmien twil ben sapevoli tad-debitu li dwarha titkellem is-surreferita ittra numru 26/2019 li jirraprezenta biss*

*bilanc ta' ammont akbar li kien dovut mir-rikorrenti"* u barra minn dan *"l-ittra surreferita giet debitament notifikata lir-rikorrenti u fiha kien hemm stipulat bic-car it-terminu ta' tletin (30) gurnata permessa lilha bil-ligi sabiex hija tkun tista' tirrispondi ghaliha u li kieku riedet topponi l-kontenut tal-istess ittra hija setghet taghmel dan fit-terminu stipulat"*. Jiccita ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Equipment Hire Limited (C18588) vs Wayne Zammit u John Azzopardi** (QTM:CIV:365:15:CSH deciza fit-8 ta' Frar 2016) fejn din il-Qorti diversement presjeduta kienet stqarret illi: "*bir-rispett kollu din hija procedura specjali w trid tigi segwita in toto, w ma tistax tigi wzata ghar-raguniiet li jidhru xierqa biss lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti kellu zmien ghoxrin gurnata minn meta rcieva l-ittra ufficcjali ... sabiex jirrispondiha, f'liema kaz din l-ittra ma kinitx issir hekk ezekuttiva."*

5. Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' Riccardo Magarini in rapprezentanza tal-kumpanija rikorrenti kif ukoll lill-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2019 u ħalliet il-kawża għas-sentenza.

6. Din hija azzjoni bbażata fuq l-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi testwalment kif gej:

   *"(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

   *(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

   *(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

   *B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn."*

7. L-Art.166A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej:

   *"(2) Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-debitur fejn għandu jiġi* ***dikjarat***

***b'mod ċar,*** *taħt piena ta' nullità,* ***ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba***, ***ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa'***, *u* ***dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba****:*

*Iżda ma jistax isir użu mid-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (5) jew (6) tal-artikolu 187 biex issir in-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali."*

8. Ir-rekweziti necessarji *ad validatem* skond l-Art. 166A(2) huma tlieta:

   i. Dikjarazzjoni b'mod car tar-raguni li fuqha tkun msejsa t-talba;
   ii. Dikjarazzjoni b'mod car tar-ragunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa';
   iii. Dikjarazzjoni b'mod car tal-fatti b'sostenn tat-talba.

9. Skond il-kumpanija rikorrenti, dawn ir-rekweziti huma lkoll mankanti u ghalhekk fil-fehma taghha l-ittra ufficjali in kwistjoni ghandha tigi rexissa u ddikjarata nulla minn din il-Qorti.

10. Il-Qorti fliet sew il-kontenut tal-ittra ufficjali in kwistjoni. Fiha l-intimat Bilocca talab lill-kumpanija rikorrenti sabiex thallsu s-somma ta' €19,576.46 ***"rapprezentanti servizzi rezi…skond l-istatement hawn anness"*** . Kif gia' nghad, il-prospett imbaghad jaghti indikazzjoni illi dan huwa mahrug minn "*Emilio Bilocca Handyman Services"* u jinkludi elenku ta' fatturi datati bl-ammonti rispettivi taghhom u bid-deskrizzjoni "*Goods/Services"*.

11. Il-pern tal-kwistjoni hija ghaldaqstant jekk din l-informazzjoni moghtija mill-intimat lill-kumpanija rikorrenti hijiex bizzejjed sabiex tissodisfa il-kweziti mehtiega *ad validatem* skond l-Art. 166A(2).

12. L-Art. 166A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma' jispecifikax x'livell ta' dettal huwa mehtieg sabiex jkun meqjus li (i) id-dikjarazzjoni tar-raguni li fuqha tkun msejsa t-talba, (ii) id-dikjarazzjoni tar-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' u (iii) id-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenna tat-talba, jigu meqjusa bhala **dikjarazzjonijiet cari**. Cio' nonostante ma' hemm l-dubbju ghal din il-Qorti illi jekk l-intenzjoni tal-legislatur kienet illi dawn il-kweziti jigu osservati *ad litteram* allura l-ittra ufficjali in kwistjoni tfalli dan it-test oggettiv mhux l-anqas ghaliex ma' hemmx deskrizzjoni jew identifikazzjoni tas-servizzi rezi. Wiehed jista' jipprezumi illi gejjin minn "*Emilio Bilocca Handyman Services*" s-servizzi relattivi huma x'aktarx "*handyman services*", izda jekk isir dan inkunu qed nassumu fatt li ma' jidhirx car mill-att innifsu u b'hekk inkunu qed nitilqu mit-test oggettiv u napplikaw dak suggettiv;

13. Hija proprju din il-mistoqsija cavetta illi l-Qorti saqsiet lilha nnifisha fil-kunsiderazzjonijiet taghha ta' dan il-kaz. Meta l-legislatur introduca l-procedura tal-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 permezz tal-Att IX tal-2004 u fassal il-kweziti taht is-subinciz tnejn (2) tal-istess artikolu, kellu l-intenzjoni illi jissuggetta l-validita' ta' dan l-att ghat-test strett u *oggettiv* ta' jekk gewx

sodisfatti *ad litteram* ir-rekwiziti *ad validatem* elenkati fl-istess artikolu jew ghal dak it-test izjed flessibbli u *suggettiv* ta' jekk min jircievi l-atti ikunx effettivament fehem x'qed jitlob minghandu l-kreditur?

14. Ghalkemm huwa minnu li l-intenzjoni tal-legislatur ghandha tirrizulta mill-ligi innifisha madakollu l-Qrati taghna kemm il-darba ghamlu riferenza ghad-dibattiti Parlamentari dwar il-ligi in kwistjoni sabiex jippruvaw jifhmu izjed x'kellu f'mohhu l-legislatur fl-istadju tal-koncepiment tal-legislazzjoni. Sfortunatament, ghalkemm din il-Qorti ghamlet dan l-esercizzju u qrat id-dibattiti li kienu saru kemm fil-Plenarja u kemm fl-istadju tal-kumitat ghall-konsiderazzjoni dwar l-abbozzi tal-ligi marbuta mal-Att IX tal-2004, jidher illi dak iz-zmien il-membri tal-kamra kienu izjed mehdija bil-botta u risposta lejn xulxin u ma dahlu fl-ebda dettal dwar l-elementi tal-ittra ufficjali mehtiega *ad validatem*.

15. Min-naha l-ohra fil-kazistika tal-Qrati taghna insibu zewg posizzjonijiet divergenti.

    i. Hemm il-posizzjoni pjuttost flessibbli addottata per ezempju fil-kawza citata mill-intimat fir-risposta tieghu **Equipment Hire Limited (C18588) vs Wayne Zammit u John Azzopardi** (QTM:CIV:365:15:CSH deciza fit-8 ta' Frar 2016) fejn ghall-Qorti l-kliem "*Equipment Hire Ltd (C18588) … tinterpellakom sabiex fi zmien hames tijiem thallsu s-somma ta' sitt telef u tlett mitt euro (euro6300) in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda*" kienu bizzejjed sabiex jissoddisfaw l-elementi rikjesti fl-Art. 166A(2) u dan izjed u izjed fid-dawl tal-fatt illi kif kien xehed r-rikorrent f'dik il-kawza hu kien "*jaf x'inhi tippretendi s-socjeta' intimata, pero hass li la fil-fehma tieghu tali ammont mhux dovut u tali obbligazzjoni ma' kienetx vera, seta' jaghzel li ma' jirrispondix tali ittra ufficjali*".

       Hekk ukoll kienu bizzejjed ghall-Qorti, fil-kawza **Panta Marketing and Services Limited (C111233) vs George Farrugia nomine** (QTM:CIV:197:2017:JAB deciza fit-12 ta' Settembru 2007), il-kliem "*prezz ta' manutenzjoni ta' lift ai termini tal-ftehim data l-4 ta' Mejju 2000 u … rapprezentanti prezz ghal xoghol fuq l-istess lift*".

    ii. Hemm imbaghad il-posizzjoni rigida li giet addottata per ezempju fil-kawza **Noel Sultana vs Andrew Mercieca** (QTM:CIV:10:2010:AE) fejn il-Qorti kienet tal-fehma illi "*l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha "**dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba**". Il-kliem "ghal xoghol u parts" m'huwiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha "dikjarazzjoni tal-fatti". Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollix titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunita' kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30*

*gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madankollu l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha "***dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba***.". Madankollu dan ir-rekwizit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullita' tal-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss. Bla dubju f'dan il-kaz Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficjali in-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xoghol, meta sar ix-xoghol, u spjega tal-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghti taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li saru u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa kopja tieghu mal-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Setgha kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ilment ta' Mercieca hu gustifikat."*

Din kienet il-posizzjoni ukoll tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **<u>Equipment Hire Limited (C18588) vs Wayne Zammit u John Azzopardi</u>** (QTA:CIV:365:15:01:AE deciza fil-21 ta' Marzu 2017), li incidentalment dawret is-sentenza citata mill-intimat fir-risposta tieghu. Fid-decizjoni taghha l-Qorti tal-Appell qalet illi hija ma' kienetx qed taqbel mal-posizzjoni li hadet l-Ewwel Qorti "ghaliex l-uniku fatt li fiha l-ittra ufficjali hu li l-hlas li ntalab kien, *"in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda". M'hemm l-ebda dettalji ohra, bhal:- i. Min kienu l-partijiet ghall-kirja, iktar u iktar meta tqies li l-ittra ufficjali saret kontra r-rikorrent u Wayne Zammit. ii. X'kienet l-ghodda li nkriet. iii. Id-data meta nkriet l-ghodda. iv. Il-perjodu pattwit tal-lokazzjoni. v. Il-kera pattwita, inkluz dikjarazzjoni cara u tonda jekk il-hlas pretiz kienx kera."*

Il-Qorti tal-Appell kompliet tghid illi: *"Wiehed jista' jargumenta li certu fatti wiehed jista' jasal ghalihom billi jaghmel kalkoli mill-ftit li nghad fl-ittra ufficjali. Pero' dan m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. Il-ligi hi cara, cjoe' li trid issir, "dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba". Il-ligi ma tghidx fatt izda fatti. Wiehed irid jiftakar li din hi procedura specjali li twassal sabiex persuna tottjeni titolu ezekuttiv daqslikieku ghandha sentenza. Ghalhekk m'huwiex bizzejjed li tghid li t-talba ghall-hlas ta' €6,300 saret "in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda". Ghalkemm l-ewwel qorti qalet li r-rikorrent, "(....) kien jaf x'inhi tippretendi s-socjeta intimata,......", b'daqshekk ma jfissirx li l-ittra ufficjali kienet tissodisfa dak kollu li ad validitatem hu mehtieg mil-ligi."*

16. Din il-Qorti hija konxja tal-fatt illi din l-ahhar sentenza imsemmija ghandha certu piz mhux biss ghaliex inharget minn Qorti ta' Appell izda ukoll ghaliex inharget

minn Qorti li sal-gurnata tal-lum ghadha presjeduta mill-istess Onorevoli Imhallef. Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet: **Awtorita' ghat-Trasport f'Malta vs Khadar Qaasim Abdi** (TTZ:597:2016:KCX deciza fis-6 ta' Novembru 2017) "*Ghalkemm huwa vera li t-teorija, jew norma, ta' "law of precedent" (jew ta' "stare decisis") ma tiffurmax parti mill-ordinament patriju Malti – hekk kif inhi fit-tradizzjoni forensi ta' sistemi li jhaddnu l-Common Law – wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-insenjamenti tal-qrati domestici, primarjament dawk fi grad gholi fil-gerarkija tas-sistema gudizzjarja, jgawdu minn certu awtorità perswaziva. Fis-sentenza pronunzjata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar 2013 in re Stepan Bonnici v. Avukat Generali gie sottolinjat illi ghalkemm il-gurisprudenza hija f'evolviment kontinwu, "il-qrati taghna dejjem fittxew li jippromwovu c-certezza tad-dritt billi, safejn ma jkunx hemm ragunijiet serji li jimmilitaw favur bidla fil-hsieb, isegwu l-insenjament ta' sentenzi precedenti." Analogament, fis-sentenza in re Maria Debono et v. Av. Dr. Paolo Mercieca et (Appell Superjuri, 30 ta' Jannar 2004) gie ritenut li, "l-Qrati taghna dejjem fittxew li kemm jista' jkun issaltan il-konsistenza u l-uniformita`, b'dan li meta mbaghad tinhass il-htiega ta' kapovolgiment jew strapp minn linja ta' hsieb partikolari li tkun qeghda tigi segwita, allura f'dak il-kaz tali bidla tkun sorretta b'xi forma ta' elaborazzjoni biex tiggustifika tali kambjament. Tali modus operandi ma hu rikjest minn ebda parti tal-ligi tal-procedura imma jittrapela invece mill-prassi tul iz-zmien mnejn jidher li normalment hekk dejjem sar." Ara fl-istess vina ta' hsieb, fost ohrajn, P.L. Joseph Zammit noe v. Lydia Pulis et (Prim'Awla, 28 ta' Frar, 2003) u Mohnani Romina Delicata v. Alfred Borg et (Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 2014)... Maghluqa tali parentezi, ghar-ragunijiet fuq espressi t-Tribunal ma jarax ghalfejn ghandu jiddipartixxi mill-pronunzjamenti fuq senjalati, anke l'ghaliex ikun alkwantu awdaci u prepotenti ghalih li – fin-nuqqas ta' ragunijiet gravi, serji u godda – jippronunzja ruhu diversament fuq materja gjà deciza mill-Qorti ta' l-Appell u wkoll ghax decizjoni diversa u kuntrarja emessa minn dan it-Tribunal (fuq materja gudizzjarjament gja' definita) tiskonvolgi kwistjonijiet li llum-il gurnata jaghtu dik ic-certezza u dik l-aspettattiva legittima diskussi aktar kmieni f'din id-decizjoni.*"

17. Lura ghall-mistoqsija cavetta fuq imsemmija, il-Qorti thoss illi ghalkemm l-intenzjoni tal-legislatur ma' hijiex cara dwar l-ammont u d-dettal ta' informazzjoni mehtiega taht piena ta' nullita ai termini tal-Art. 166A(2), madanakollu ma' tistax ma' zzommx quddiem ghajnejha l-principju in bazi ghal liema n-nullita` "*è un mezzo estremo a cui il legislatore non ricorre che in caso di necessita`*" (**Laurent, "Principii di Diritto Civile"**, Vol. I para. 43) u ghalhekk m' ghandhiex tigi facilment attiza.

18. Il-Qorti gharblet sew ukoll dak li xehed Riccardo Magarini in rapprezentanza tal-kumpanija rikorrenti fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2019 u cioe' illi:

    i. Skond hu, il-prospett anness mal-ittra ufficjali ma' jaghtihx informazzjoni bizzejjed dwar liema kontijiet kien qed jitlob il-hlas taghhom l-intimat.

ii. L-intimat kien diga jaghti servizzi ta' *handyman* lill-kumpanija rikorrenti meta x-xhud dahal bhala impjegat maghha f'Dicembru 2013.

iii. Is-sistema adoperata mill-kumpanija rikorrenti hija wahda illi fornitur ta' servizzi jrid jinghata *purchase order* jew dokument iffirmat li juri li s-servizzi moghtija lil xi *supermarket* operat mill-kumpanija jkunu tabilhaqq gew rezi. Il-fatturi imbaghad ghandhom johorgu bbazati fuq tali dokumentazzjoni.

iv. Ghal xi zmien kien hemm xi konfuzjoni ossia' nuqqas ta' rikonciljazzjoni bejn numru ta' fatturi mghoddija lill-kumpanija rikorrenti mill-intimat u *r-records* interni tal-kumpanija ossia' l-*purchase orders* jew dokumentazzjoni ohra interna. Kien hemm ukoll xi fatturi li nhargu ghal darbtejn bi zball.

v. Il-kumpanija hallset dawk il-fatturi li kellha konferma taghhom izda halliet pendenti dawk li ma' kienux qed jigu ssapportjati minn xi *purchase order*. Il-kumpanija riedet xi forma ta' prova li dawn ix-xogholijiet kienu tabilhaqq saru.

vi. Skond hu, l-kumpanija tircievi eluf ta' fatturi kull sena u allura ma' kienetx f'posizzjoni li taghraf jew tivverifika dawk il-fatturi li gew elenkati fil-prospett anness mal-ittra ufficjali anke ghaliex dawn ma' kienux jaghmlu riferenza ghall-post specifiku (i.e. *supermarket*) fejn saru s-servizzi.

vii. Fejn fil-prospett hemm imnizzel "Credit", ma' setax ikun jaf jekk din kienetx tirrapprezenta xi hlas mill-kumpanija jew inkella xi *credit note* mahruga mill-intimat.

viii. Apparti l-intimat, kien hemm persuna ohra li tipprovdu servizzi ta' *handyman* lill-kumpanija rikorrenti matul dawn l-ahhar snin.

19. Il-Qorti qrat ukoll il-korrespondenza bejn il-partijiet annessa mar-risposta tal-intimat. Jekk xejn din il-korrespondenza turi li l-intimat kien gera wara l-kumpanija rikorrenti ghal diversi drabi sabiex jithallas ghas-servizzi tieghu. Johrog ukoll skambju bejn avukati (anke jekk "minghajr pregudizzju") illi juri illi xi tip ta' konfuzjoni jew nuqqas ta' qbil kien hemm bejn il-partijiet dwar l-ammont li kellha taghti l-kumpanija rikorrenti.

20. Din il-Qorti hasbitha fit-tul izda ddur fejn iddur ma' tistax taqbel mal-posizzjoni rigida illi hemm xi htiega li l-kreditur jaghti daqstant dettalji fuq il-kreditu pretiz minnu **oltre dawk id-dettalji necessarji sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ikun f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss.** Fil-kaz in dezamina, fl-ittra ufficjali tieghu l-intimat ghamel riferenza ghal "*servizzi rezi*"

u fil-prospett anness ftit halla dubbju li dawn kienu xogholijiet ta' *handyman.* Gew elenkati ukoll il-fatturi bin-numri rispettivi, bid-data u bl-ammonti taghhom. Il-Qorti ma' tarax ghalfejn il-kreditur kellu xi obbligu li oltre minn dan jispecifika s-servizzi li ta' f'kull gurnata u li addirittura jipprezenta ukoll mal-ittra ufficjali l-fatturi kollha separati, kif donnha qed tippretendi li kellu jaghmel, il-kumpanija rikorrenti. Izjed u izjed meta hawn si tratta ta' persuni li kellhom relazzjoni professjonali twila (fuq numru ta' snin) u evidentement kellhom ukoll kont kurrenti bejniethom.

21. Tenut kont il-provi mressqa inkluz dawk dokumentarji din il-Qorti tifhem illi l-kumpanija rikorrenti ffaccjata bl-ittra ufficjali tal-intimat zgur ma' kienetx ser taqbel mal-ammont pretiz u thallas lill-intimat fil-pront. Madanakollu dan ma' jfissirx illi l-kumpanija kienet korretta illi tinjora l-ittra ufficjali u thalli t-terminu prefiss ta' tletin gurnata jghaddi minghajr ma' tipprezenta nota oppozitorja. **Ghal din il-Qorti l-kumpanija rikorrenti kellha informazzjoni bizzejjed fl-ittra ufficjali** li tpoggiha f'posizzjoni li jew tammetti t-talbiet *in toto/in parte* jew inkella topponihom. Il-kumpanija rikorrenti kellha kull cans illi tqabbel in-numri tal-fatturi elenkati fil-prospett mar-*records* interni taghha u f'kaz ta' nuqqas ta' qbil, topponi l-ittra ufficjali entro t-terminu statutorju. L-istorja kienet tkun differenti li kieku l-fatturi ma' kienux enumerati jew datati. Zgur pero li l-kreditur ma' kellux xi obbligu li jipprezenta l-fatturi separati (u l-*purchase orders* relattivi) mal-ittra ufficjali sabiex jissodisfa l-kweziti taht l-Art. 166A(2). Fil-fehma tal-Qorti, interpretazzjoni stretta bhal din tistultifika l-ghanijiet wara l-introduzzjoni tal-ittra ufficjali specjali mahruga taht l-Art. 166A u tmur kontra l-ispirtu tal-ligi.

**Decide**

**22. Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba tal-kumpanija rikorrenti sabiex tiddikjara nulla l-ittra uffiċjali numru 26/2019 ippreżentata fit-8 ta` Marzu 2019 fuq imsemmija u sabiex tirrevoka l-mandat ta` sekwestru numru 612/2019 għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Fic-cirkustanzi tal-kaz, spejjez jinqasmu nofs bin-nofs.**

**Dr. Victor George Axiak LL.D.**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**